# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 71**

**Rikors numru 1180/10/1 MH**

**Victor Scerri eżerċjenti l-kummerċ bl-isem "St Anthony Woodworks"**

**v.**

**Denfar Excavators Limited (C 10272) u b'digriet tat-2 ta' Frar 2011, ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà SM (Cables) Limited (C 19872)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat imressaq mill-attur fil-15 ta' Novembru, 2010, li permezz tiegħu talab:

> "1. Illi l-esponenti, li jezercita negozju ta' mastrudaxxa, ġie inkarigat mis-soċjeta konvenuta sabiex jahdem kwantita' ta' aperturi u jwahhalhom gewwa post indikat minnhom;

2. Illi fil-fatt l-esponenti espleta l-appalt lilu moghti u kkonsenja u qieghed l-aperturi fil-lok indikat lilu fil-waqt li hareg zewg fatturi ghal dawn ix-xogholijiet it-tnejn datati 22 ta' Dicembru 2007, kopji ta' liema jinsabu annessi u mmarkati "Dok. A" u "Dok. B";

3. Illi l-prezz ta' dan l-appalt hu ta' erbgha u ghoxrin elf seba' mija u wiehed u disghin euro u hamsa u hamsin centezmu (€24,791.55), mil-liema ammont, is-soċjeta' konvenuta hallset biss somma akkont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. Illi ghalhekk is-soċjeta konvenuta hija debitrici tal-istanti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u sittin euro u tmintax-il centezmu (€22,462.18) liema ammont jikkomprendi t-taxxa fuq il-valur mizjud;

5. Illi ghad li s-soċjeta konvenuta qatt ma ezercitat xi azzjoni fi-konfront tal-attur, din qalet li xi xoghol sar hazin u minkejja diversi interpellanzi li sarulha anke permezz ta' ittra ufficcjali sabiex tersaq ghall-hlas din ghazlet li tibqa' moruza;

6. Illi fic-cirkostanzi mhemm ebda raġuni valida fil-ligi sabiex is-soċjeta konvenuta ma thallasx l-ammont pretiz;

7. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raġuni tat-talba hi s-soċjeta konvenuta hija debitrici tal-istanti fl-ammont ta' €22,462.18 liema somma tirraprezenta prezz ta' appalt ossia xoghol ta' aperturi fl-injam kif jidher ahjar fil-fatturi hawn annessi u kwindi ghandha tigi kkundannata thallas tali ammont dovut;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u sittin euro u tmintax-il centezmu (€22,462.18).

Bl-Ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjaliipprezentata nhar il-15 ta' Mejju 2009 (Dok. C) u bl-imghax skond l-Art. 26A et seq. tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) kontra s-soċjeta konvenuta li minn issa hi ingunta in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Denfar Excavators Limited li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Diċembru, 2010, li permezz tagħha eċċepiet:

> "1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-esponenti eccipjenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-soċjeta' esponenti mhux debitrici tar-rikorrent fl-ebda ammont.
>
> 2. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-esponenti eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante lir-rikorrent naqas li jikkonsenja dak lilu ndikat fl-ghoti tal-kuntratt. Oltre il-fatt li x-xoghol la sar u wisq anqas ġie nstallat skond l-arti u s-sengha.
>
> 3. Illi r-rikorrenti mhux korrett u/jew ezatt fil-premessi tieghu. Il-valur tax-xoghol kien ferm akbar minn hekk. Dak ix-xoghol li ġie konsenjat kif ordnat u nstallat u jahdem – ġie accettat mis-soċjeta' SM Cables Limited u thallas tieghu. Dak li ma giex minnhom accettat huwa l-meritu ta' din il-kawża.
>
> 4. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-esponenti eccipjenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghal min kien ordnat ix-xoghol ossia S.M (Cables) Limited irrifjutat ix-xoghol lilha kkonsenjata u dana ghar-ragunijiet fuq espressi.
>
> 5. Illi s-soċjeta' esponenti ma gietx imhallsa tax-xoghol li suppost sar mir-rikorrent. Illi l-istess soċjeta' SM (Cables) Limited naqset li taccetta x-xoghol supplit mir-rikorrent u rrifjutatu. Kieku l-istess ġie accettat minnha, kienu jithallsu sia r-rikorrenti u sia l-esponenti.
>
> 6. Illi huwa opportun u effettivament qed tintalab il-kjamata fil-kawża tas-soċjeta' SM (Cables) Limited (C 19872) ta' Blk 20B, Qasam Industrijali, Buleben, Zejtun, u dana stante l-interess giuridiku taghhom, ekonomija ta' gudizzju u evitar ta' duplikazzjoni ta' proceduri legali u spejjes.
>
> 7. Illi r-rikorrent jaf ben tajjeb illi saret opposizzjoni 'ab initio' u ma jistax jallega li ma kienx diverbji u skambji. Dawn saru sia bejn il-partijiet, sia formalment u sia bil-konsulenti legali. Kieku r-rikorrent issuplixxa dak li kellu jissuplixxa kieku ma kienx ikun hemm necessita' ta' l-ebda procedura (Dok DF 1 sa DF 5).
>
> 8. Illi d-dikjarant huwa Direttur u jaf personalment bil-fatti kif esposti.
>
> 9. Salvi risposti ulterjuri".

3. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà kjamata in kawża SM Cables Limited tal-11 ta' April, 2011, li permezz tagħha eċċepiet:

> "1. Illi ma jezisti ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-esponenti imma r-relazzjoni hija bejn Denfar Excavators Limited u s-soċjeta' intimata.
>
> 2. Illi preliminarjament t-talba hija preskritta ai termini tal-Ligi u dan abbazi tal-Artiklu 2148 tal-Kodici Civili;
>
> 3. Illi minghajr pregudizzju ix-xoghol li ġie ikkunsenjat huwa ta' kwalita' ferm u ferm inferjuri tant li mhuwiex accettabbli bil-konsegwenza li l-bibien kienu imbewqien, bic-cappetti hergien u l-finish ta' kwalita' inferjuri u l-laminate kellhom bziezaq go fihom".

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens, illi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Denfar Excavators Limited u tas-soċjetà kjamata in kawża SM (Cables) Limited, laqgħet it-talbiet attriċi kif imressqa, inkluż dawk tal-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjetà konvenuta u dik kjamata in kawża solidalment bejniethom.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li, fost affarijiet oħra, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-attur qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €22,462.18 li jgħid għadhom dovuti lilu għall-aperturi li saru minnu skont il-fatturi esibiti a fol 4 u fol 5 tal-proċess.
>
> L-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u dik kjamata in kawża jistrieħu fuq l-allegazzjoni li l-prodott konsenjat u nstallat mill-attur kien ta' kwalita' nferjuri u ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Inoltre s-soċjeta' konvenuta tgħid li hija baqgħet ma ħallsitx lill-attur għax ma rċevietx il-

ħlas mingħand is-soċjeta' kjamata in kawża peress li din irrifjutat ix-xogħol mertu ta' dawn il-proċeduri.

Il-qofol tal-kwistjoni għalhekk hija l-kwalita' tal-prodott provdut u nstallat mill-attur u jekk konsegwentement kienx jimmerita jew le li jitħallas l-ammont minnu mitlub għalih.

Mill-lat tekniku l-lamenteli dwar il-kwalita' tal-aperturi ġew dettaljatament investigati mill-perit tekniku tal-Qorti Vincent Ciliberti li wara li sema' numru ta' xhieda u ezamina kwantita' ta' dokumenti wasal għall-konkluzjoni li dawn l-allegazzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u dik kjamata in kawża ma kinux ġustifikati għar-ragunijiet minnu indikati.

Il-Qorti tissottolinea f'dan l-istadju illi l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deciz fil-15 ta' Mejju 2014[1] -

> *"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "Calleja vs Mifsud", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*
>
> *Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*
>
> *In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht eżami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*
>
> *Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - "Cauchi vs Mercieca"*

[1] Rik 988/08.

*– Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "Tabone vs Tabone et" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "Calleja noe vs Mifsud" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `Attard vs Tedesco et` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u "Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Dicembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("Bugeja et vs Muscat et" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).*

Fid-dawl ta' dan isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija m'għandhiex b'mod legger tiskarta tali rizultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konkluzjonijiet.

Il-Qorti tinnota ulterjorment li ħadd mill-partijiet ma talab eskussjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti u ħadd minnhom ma għamel rikjesta għall-hatra ta' periti perizjuri. Inoltre ħadd mill-partijiet ma rnexxielu jġib xi prova li b'xi mod ixxejjen jew tiddiskredita l-konklużjoni tal-perit imsemmi.

Il-Qorti wara li analizzat il-kontenut tar-rapport peritali kollu inkluż il-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet hemm magħmula, tgħid li ma ssib ebda raġuni il-għala għandha tiddipartixxi mill-aċċertamenti tekniċi u fattwali li wasal għalihom il-perit Ciliberti u għaldaqstant sejra tadotta *in toto* l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku fir-rapport tieghu u taghmilhom taghha.

Minn dan isegwi li a bazi ta' dak misjub mill-perit Ciliberti il-Qorti tqis li l-aperturi kollha li kienu ġew installati mill-attur saru skont is-sengha u l-arti ukoll li anke kienu approvati mill-perit tas-soċjeta' kjamata in kawża Giorgio Schembri. B'hekk ma kien hemm ebda gustifikazzjoni fil-fatt u fid-dritt sabiex is-soċjeta' kjamata in kawża tirrifjuta uhud mill-aperturi (li kienu diġa' ġew installati) u agħar minn hekk ma toħrogx il-ħlas għalihom sabiex l-attur jirċievi l-flus dovuti lilu. Aktar u aktar meta hi kienet irċeviet il-ħlas għalihom mill-MIP wara li a bazi taċ-ċertifikazzjoni tal-perit Giorgio Schembri stess kienet ressqet applikazzjoni ghall-hlas mal-MIP.

Di piu' s-soċjeta' SM (Cables) Ltd żammet għandha l-aperturi li dwarhom ressqet il-kontestazzjoni fil-kawża odjerna u f'ebda ħin ma rritornathom lill-attur jew iddepozitathom taħt l-awtorita' tal-Qorti. Dan

ikompli jiggustifika l-konkluzjoni tal-Qorti li allura l-ħlas mitlub huwa dovut.

Ikompli jirrizulta wkoll li SM (Cables) unilateralment u arbitrarjament mingħajr l-approvazzjoni tal-perit Schembri proċediet biex taqla l-bibien li hi dehrilha ma kinux idonei u għamlithom mill-gdid għand kumpanija oħra.

Ċertament li dan kollu jwaqqa' għal kollox id-difiza kemm tas-soċjeta' konvenuta u anke ta' dik kjamata in kawża li l-attur ma jistħoqqlux jitħallas tal-ammont pretiz minnu.

Jigi ulterjorment osservat li l-kontenut tal-fatturi esibiti mill-attur a fol 4 u 5 kemm għal dak li jirrigwarda kwantita' ta' aperturi kif ukoll il-prezz tagħhom f'ebda hin ma ġew kontestati.

Fiċ-ċirkustanzi għalhekk it-talba attriċi timmerita li tigi akkolta fil-konfront kemm tas-soċjeta' konvenuta kif ukoll dik kjamata in kawża solidalment bejniethom. F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 1094 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

> *"L-obbligazzjoni hija in solidum għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur".*

Mill-atti tal-każ irriżulta li kemm is-soċjeta' konvenuta kif ukoll dik kjamata in kawża għandhom l-obbligu li jħallsu d-debitu mertu ta' dawn il-proċeduri, anke jekk għal ragunijiet differenti u cioe' Denfar Excavators Ltd għax hija s-soċjeta' li direttament nkarigat lill-attur biex jaħdem u jinstalla l-aperturi filwaqt li SM (Cables) Ltd għax kellha l-ftehim mas-soċjeta' Denfar Excavators Ltd biex isiru dawn l-aperturi. Wara kollox l-iskop tal-kjamat in kawża huwa l-ekonomija tal-gudizzju u sabiex jiġu evitati multiplicita' ta' kawzi kif ingħad. Inoltre u in vista ta' dan huwa ċar li kull waħda minn dawn iż-żewg soċjetajiet tista' tiġi mġegħla tħallas id-dejn kollu lill-attur b'dana li jekk isir il-ħlas minn waħda minnhom l-obbligazzjoni tiġi mbagħad għal kollox estinta u l-attur ma jistax jitlob il-ħlas mingħand is-soċjeta' l-oħra".

6. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta Denfar Excavators Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, fis-sens li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tirrevoka l-kundanna għall-ħlas fil-konfront tagħha, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà

kjamata fil-kawża u tilqa' t-talbiet attriċi unikament fil-konfront tas-soċjetà kjamata fil-kawża SM (Cables) Limited u tikkundanna lilha biss sabiex tħallas is-somma dovuta lill-attur. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi u interessi kontra l-istess soċjetà kjamata fil-kawża.

7. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà SM (Cables) Limited, li permezz tagħha wieġbet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell interpost mis-soċjetà konvenuta appellanti u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2018, jiġifieri l-kundanna għall-ħlas *in solidum* bejn il-partijiet, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi u l-interessi.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-attur Victor Scerri, li permezz tagħha wieġeb li s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Ottubru, 2018, għandha tiġi kkonfermata, u l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanti.

9. Rat li meta ssejjaħ l-appell waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu, 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu mal-atti u għalhekk l-appell ġie differit għas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur fetaħ kawża fil-konfront tas-soċjetà konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' €22,462.18, rappreżentanti l-prezz ta' appalt mogħti lilu li kien jikkonsisti f'xogħol ta' aperturi tal-injam.

12. Is-soċjetà konvenuta wieġbet illi l-pretensjonijiet tal-attur kienu infondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li mhix debitriċi tiegħu; inoltre l-attur naqas milli jikkonsenja dak indikat lilu fil-kuntratt peress li x-xogħol ma sarx u ma kienx installat skont l-arti u s-sengħa; dak ix-xogħol li ġie kkonsenjat, installat u aċċettat mis-soċjetà SM (Cables) Limited tħallas tiegħu, mentri dak li ma ġiex aċċettat huwa l-mertu ta' din il-kawża; li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda peress li għal min kien ordnat ix-xogħol, irrifjutat ix-xogħol lilha kkonsenjat; li hija ma tħallsitx għax-xogħol li suppost sar mill-attur, peress li s-soċjetà SM (Cables) Limited naqset milli taċċetta x-xogħol supplit, peress li rrifjutatu u li kieku l-istess xogħol ġie aċċettat kienu jitħallsu kemm l-attur, kif ukoll is-soċjetà konvenuta; ikun opportun u xieraq u għalhekk intalbet il-kjamata in kawża tas-soċjetà SM (Cables) Limited, u li kieku l-attur issuplixxa li kellu jissuplixxi, ma kien ikun hemm ħtieġa tal-ebda proċeduri.

13. Wara li ntlaqgħet it-talba għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà SM (Cables) Limited, din wieġbet li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attur, iżda r-relazzjoni hija bejnha u bejn Denfar Excavators Limited; il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi fil-konfront tagħha u li x-xogħol ikkonsenjat huwa ta' kwalità ferm inferjuri, tant li mhumiex aċċettabbli, bil-konsegwenza li l-bibien kienu mbewqin, biċ-ċappetti ħerġin u l-*finish* hija ta' kwalità inferjuri u l-*laminate* kellhom bżieżaq ġo fihom.

14. Inħatar perit tekniku mill-Ewwel Qorti, li qies li x-xogħol maħdum mill-attur kien tal-livell mixtieq, mhux difettuż u nħadem skont l-arti u s-sengħa u li għalhekk is-soċjetà msejħa fil-kawża ma kinitx ġustifikata li tirrifjuta parti mix-xogħol ikkonsenjat lilha, peress li ma rriżultax li kien hemm xi difetti fil-bibien. Ma saret l-ebda eskussjoni lill-perit inkarigat mill-Ewwel Qorti u lanqas intalbet il-ħatra ta' periti addizzjonali.

15. L-Ewwel Qorti apparti li ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, adottat fis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-perit tekniku u għamlithom tagħha, konsidrat ukoll il-fatt li l-istess aperturi installati mill-attur kienu approvati mill-perit tas-soċjetà msejħa fil-kawża, tant li l-istess soċjetà msejħa fil-kawża kienet saħansitra rċeviet il-ħlas għalihom mill-Malta Industrial Parks fuq il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tal-perit inkarigat mill-istess soċjetà msejħa fil-kawża u għalhekk ċaħdet ukoll l-eċċezzjonijiet kollha

kemm tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll tas-soċjetà msejħa fil-kawża u laqgħet it-talbiet attriċi. Kwindi s-soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża ġew ikkundannati jħallsu s-somma ta' €22,462.18, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax, solidalment bejniethom.

16. Is-soċjetà konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-aggravji tas-soċjetà konvenuta appellanti huma fis-sens li mill-atti kellu jirriżulta lill-Ewwel Qorti li, l-intervent tagħha fil-kuntest tar-relazzjoni kummerċjali kien wieħed minimu u għalhekk l-eċċezzjonijiet tagħha kellhom jintlaqgħu, mentri l-kundanna għall-ħlas kellha tkun applikata unikament fil-konfront tas-soċjetà msejħa fil-kawża. Tilmenta li l-Ewwel Qorti applikat ħażin il-prinċipju ta' solidarjetà. Dan meta wieħed iqis li kien l-aġir tas-soċjetà msejħa fil-kawża li kien ċensurabbli, hekk kif għamlet li riedet hi, marret kontra l-istruzzjonijiet mogħtija mill-perit inkarigat minnha stess u ordnat aperturi oħra mingħand terzi persuni, mingħajr l-approvazzjoni tal-istess perit, u agħar minn hekk, hija talbet u effettivament tħallset doppjament ta' dawn l-istess aperturi u baqgħet iżżomm f'idejha flus li kellhom jitħallsu lill-attur appellat. Kif ukoll, minkejja li jingħad mis-soċjetà msejħa fil-kawża, li rrifjutat ix-xogħol tal-attur appellat, parti minnu nżamm fl-istess lok li fih ġie installat mill-attur, mentri dak li qalgħet minn postu żammitu magazzinat għandha. Kwindi l-materjal la ġie ritornat lill-attur appellat u lanqas ġie depożitat taħt l-Awtorità tal-Qorti, u li kieku ħallset lill-attur

appellat il-flus li hija effettivament daħħlet, ma kienu jsiru l-ebda proċeduri f'dan il-każ. Issostni li filwaqt li l-Ewwel Qorti ġustament laqgħet it-talba tagħha għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà l-oħra, ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġi nkluż il-prinċipju ta' solidarjetà u għalhekk l-appellanti ma tistax taqbel mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, peress li l-kundanna kellha tiġi stabbilita unikament fil-konfront tas-soċjetà msejħa fil-kawża, peress li hija ġiet mogħtija xogħol tajjeb u tħallset ukoll tiegħu. Bl-inklużjoni tas-solidarjetà, ma ġietx solvuta r-relazzjoni ta' bejn is-soċjetà konvenuta appellanti u s-soċjetà appellata msejħa fil-kawża. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna unikament lis-soċjetà msejħa fil-kawża, biex tħallas direttament lill-attur appellat, altrimenti ser jinħoloq diżgwid amministrattiv u finanzjarju bejniethom, mentri l-iskop tal-imsejħa fil-kawża kien proprju li tiġi evitata sitwazzjoni simili.

17. Is-soċjetà msejħa fil-kawża, SM (Cables) Limited twieġeb billi tisħaq li l-argumenti tas-soċjetà konvenuta appellanti huma totalment żbaljati peress li kienet is-soċjetà konvenuta (u mhux hi) li ordnat ix-xogħol mingħand l-attur appellat u għalhekk ir-relazzjoni ġuridika kienet bejniethom. Kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjetà appellanti, ladarba kienet hi li ordnat ix-xogħol, kellha tassigura li x-xogħol isir skont is-sengħa u l-arti u li jekk ikun hemm xi lmenti ssolvihom. Hija qatt ma setgħet tiġi kkundannata tħallas għal xogħol li ma ordnatx hija stess.

18. L-attur appellat jilmenta li l-appell għandu mill-fieragħ u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Jirrileva li l-appell mhux wieħed fejn tiġi attakkata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li laqgħet it-talbiet attriċi għall-ħlas pretiż minnha, iżda huwa pjuttost limitat għall-kwistjoni tas-solidarjetà bejn iż-żewġ kumpaniji, dik konvenuta u dik imsejħa fil-kawża u l-kwistjoni dwar min kellu jiġi kkundannat iħallas. Jisħaq li filwaqt li s-soċjetà msejħa fil-kawża tat appalt lis-soċjetà konvenuta appellanti, din tal-aħħar ikkummissjonat ix-xogħol lill-attur u li l-attur qatt ma kkuntratta mas-soċjetà msejħa fil-kawża. Ladarba l-kommittent tal-attur kienet is-soċjetà konvenuta appellanti, ir-relazzjoni ġuridika tiegħu kienet magħha u għalhekk għamel sew meta dar fuq is-soċjetà konvenuta għall-ħlas. Dan ma jfissirx li kellha tiġi eżonerata s-soċjetà msejħa fil-kawża mir-responsabbiltà. Huwa ma daħalx fl-arranġamenti bejn is-soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża, u dawn kienu *res inter alios acta* għalih. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta laqgħet it-talba tiegħu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża, *in solidum* bejniethom, u n-nuqqas ta' solidarjetà kienet tkun inġusta fil-konfront tiegħu li għadu ma tħallasx. Is-soċjetà konvenuta appellanti kellha tħallas lilu u mbagħad iddur fil-konfront tas-soċjetà msejħa fil-kawża kif isir is-soltu u mhux ittawwal iż-żmien permezz tal-proċeduri tal-appell. Ladarba l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, din il-Qorti għandha timponi d-*doppie spese.*

19. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, jitqies li għandu raġun l-attur appellat meta jingħad minnu fir-risposta tiegħu li l-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti jirrażenta l-fieragħ. Dan jingħad peress li, kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess diretturi tas-soċjetà konvenuta, Shaun Farrugia u Dennis Farrugia, huwa paċifiku li s-soċjetà rappreżentata minnhom rebħet it-*tender* għall-bini, inkluż *finishes* tal-fabbrika tas-soċjetà msejħa fil-kawża, u filwaqt li s-soċjetà konvenuta ħadet ħsieb ix-xogħol tal-bini, ix-xogħlijiet tal-aperturi ngħataw lill-attur appellat permezz ta' *subcontracting* (ara fol. 192 tal-proċess), u dan wara li raw u aċċettaw il-prezzijiet tal-attur (ara fol. 190). Isegwi li l-attur appellat għandu relazzjoni ġuridika diretta mas-soċjetà konvenuta u li wettaq l-appalt favur u għall-benefiċċju tas-soċjetà msejħa fil-kawża. Hekk kif l-attur wettaq l-inkarigu lilu mogħti, inħoloq l-obbligu tas-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-attur u nħoloq ukoll l-obbligu analogu tas-soċjetà msejħa fil-kawża li tħallas is-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża, kienu bbażaw id-difiża tagħhom fuq il-premessa prinċipali li x-xogħol li twettaq mill-attur ma kienx kif titlob l-arti u s-sengħa. Din id-difiża kienet skartata mill-perit inkarigat mill-Ewwel Qorti u donnu li l-konklużjoni tal-istess perit ġiet aċċettata mill-kontendenti fil-kawża. Dan jingħad peress li apparti li la saret l-eskussjoni tiegħu u lanqas intalbet il-ħatra ta' periti addizzjonali, l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-konklużjonijiet tal-perit imqabbad minnha u l-appell mhuwiex qiegħed jattakka s-sentenza f'dan ir-rigward. Iżda l-appell tas-soċjetà konvenuta

jiċċentra ruħu fuq il-kwistjoni tas-solidarjetà addebitata bejn is-soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża.

20. In tema ta' solidarjetà jingħad li, kuntrarjament għal dak li japplika fil-qasam tal-liġi kummerċjali, fejn fl-obbligazzjonijiet kummerċjali hemm il-preżunzjoni ta' solidarjetà bejn il-kondebituri (Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Kummerċ), il-prinċipju ġenerali fil-qasam tal-liġi ċivili huwa li, is-solidarjetà ma tistax tkun preżunta u li ma jitqiesx li hemm solidarjetà, sakemm din ma tkunx dikjarata mil-liġi jew fin-nuqqas, sakemm ma tkunx miftehma espressament (Artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili). Fl-istess waqt, ir-raġuni wara s-solidarjetà hija dik li jiġu mħarsa l-interessi tal-kredituri. Din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2008, fl-ismijiet **Primrose Poultry Products Limited v. Joseph Balzan et** fissret li jeħtieġ li jkun hemm tliet elementi sabiex ikun hemm obbligazzjoni solidali, jiġifieri:

> "*(a) <u>pluralita` ta` soggetti</u> fir-rapport negozjali;*
>
> *(b) l-<u>idem debitum</u>, ossija l-istess identika prestazzjoni diretta ghas-sodisfaciment ta' l-istess interess kreditorju. Dan avolja wieħed mid-debituri jista' jkun obbligat xort'ohra għal hlas ta' l-istess haga (Artikolu 1095, Kodici Civili);*
>
> *(c) l-<u>eadem causa obligandi</u> ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b`mod li kull wiehed minnhom jista` jigi kostrett ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn di fronte ghall-kreditur (Artikolu 1094, Kodici Civili). F'dan il-kaz il-kreditur jista' jdur kontra min irid mid-debituri in solidum minghajr ma d-debitur hekk magħżul ikun jista' jopponi l-benefiċċju tal-qsim ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1096, Kodici Civili);"*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, m'hemmx dubju li t-tliet kontendenti fil-kawża kienu nvoluti fin-negozju tal-appalt tal-aperturi, u li kemm is-soċjetà konvenuta, kif ukoll dik imsejħa fil-kawża huma marbuta "għall-istess ħaġa", jiġifieri kull waħda minnhom hija obbligata li tħallas għall-aperturi li ġew manifatturati u provduti mill-attur, u għalhekk hemm obbligazzjoni solidali.

21. Barra minn hekk, relevanti wkoll hija s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-2 ta' Mejju, 1995, (Kollez. Vol. LXXIX.ii.1102) fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Benny Mizzi et**, fejn ingħad li l-eżekuzzjoni ta' appalt waħdu ma tirrendix appaltatur kummerċjant, sakemm ma jokkorrux elementi oħra li jikkwalifikawh bħala tali, u li lanqas l-appalt waħdu ma jista' jitqies att kummerċjali. Ingħad ukoll:

> *"Le imprese di costruzione terrestri sono atti che riguardano affari prettament civili (u l-appalt għall-fornitura u tqegħid ta' twieiqi hu parti minn tali kostruzzjoni). Sebbene le forniture e le somministrazioni sono atti di commercio perchè, anche in una locazione d'opera, come è l-appalto, i materjali che si comprano per essere lavorati nell-opera presa in appalto, in sostanza si rivendono dall-appaltatore al proprietario, l'atto di compra e di vendità ed anchè di fornitura non è stato il principale, ma bensì l'accessorio alle imprese di costruzione la quale è stata il-principale." (Cremona -Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile pp.52 et seq);*
>
> ***Mill-banda l-oħra jeżistu ċirkostanzi fejn l-appaltatur jista' jiġi kwalifikat bħala kummerċjant. "Min hu soltu jaħdem mhux b'salarju u taħt id-direzzjoni ta' ħaddieħor u b'materja fornita minn terza persuna jew mill-kommittenti, imma regolarment jassumi li jagħmel opera determinata kontra pagament iffissat in raġuni ta' l-opra minn qabel, l-impieg ta' materjal fornit minnu stess u meta x-xogħol ikun jirrikjedi ħafna idejn, jimpjega ħaddiema miegħu u jħallashom minn butu mhux sempliċi lokatur ta' l-opra imma kottimista li huwa kkunsidrat bħala industrijalist; li jista' jkun kbir jew żgħir, imma hu kkunsidrat dejjem bħala kummerċjant****" (Vol.*

*XXXIX, P.II p. 794) Sentenza din – bħal oħrajn – li tiddistingwi b'mod ċar u awtorevoli meta applatatur jista' jitqies kummerċjant u meta le."*

(enfasi ta' din il-Qorti).

22. F'dan il-kaz, mill-atti rriżulta li l-attur apparti li mastrudaxxa, iħaddem miegħu erba' u tletin ruħ (ara fol. 62), u li l-prezz tal-aperturi ġie pattwit bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta minn qabel, u għalhekk l-attur jista' jitqies bħala kummerċjant li wettaq att tal-kummerċ, fejn allura l-obbligazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawża hija waħda kummerċjali, fejn għandha tiġi applikata s-solidarjetà. Isegwi li tħares minn fejn tħares, din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjetà konvenuta appellanti meta tikkontendi li l-Ewwel Qorti applikat il-prinċipju ta' solidarjetà ħazin, peress li tabilħaqq dan huwa każ ċar fejn għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' solidarjetà. Minkejja li l-aġir tas-soċjetà msejħa fil-kawża huwa tabilħaqq ċensurabbli u ta' min jistmerru, hekk kif minkejja li żammet ix-xogħol magħmul mill-attur (ftit fil-post kif imwaħħal mill-attur u minkejja li żarmat xi xogħol ieħor tal-attur, żammitu maħżun għandha stess) u wara li x-xogħol ġie ċertifikat mill-perit tagħha, hija marret ordnat ix-xogħol mingħand terzi, u għalkemm hija tħallset ta' dan kollu mill-Malta Industrial Parks ma wettqitx il-ħlas dovut minnha, (u għalhekk ser jittieħed il-provvediment opportun fil-kap tal-ispejjeż fil-konfront tagħha wkoll) is-soċjetà konvenuta ma tistax taħsel idejha mir-rabta li daħlet fiha mal-istess attur.

23. L-iskop tal-kawża mressqa mill-attur kien il-ħlas tal-appalt mogħti lilu mis-soċjetà konvenuta. Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li tirrisolvi f'din il-kawża, il-problemi li hemm bejn is-soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża. L-iskop li ssejħet fil-kawża s-soċjetà SM (Cables) Limited (apparti li l-attur jiġi kanonizzat kreditur) huwa li jiġi evitat duplikazzjoni ta' proċeduri, ġaladarba s-soċjetà konvenuta seħħilha turi li l-ħtija ma kinitx tagħha waħedha. Kwindi s-sejħa fil-kawża tas-soċjetà SM (Cables) Limited saret peress li hekk kien xieraq, kemm fl-interess tal-attur, kif ukoll tas-soċjetà konvenuta, dan apparti għall-għanijiet tal-ekonomija tal-ġudizzju, inkwantu jekk tkun is-soċjetà konvenuta li tiġi interpellata għall-ħlas u tħallas lill-attur, din ikollha d-dritt ta' rivalsa fil-konfront tas-soċjetà msejħa fil-kawża għall-ħlas. Isegwi li l-appell tas-soċjetà konvenuta ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta Denfar Excavators Limited, u b'hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fit-3 ta' Ottubru 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà konvenuta u dik imsejħa fil-kawża *in solidum* bejniethom.

Minbarra dan, billi l-Qorti hija tal-fehma li r-rikors tal-appell ippreżentat mis-soċjetà konvenuta huwa att fieragħ u vessatorju, li tawwal il-proċeduri mingħajr bżonn u l-fatt li minkejja li s-soċjetà msejħa fil-kawża tħallset tax-xogħol tal-aperturi, iżda baqgħet ma wettqitx il-ħlas dovut minnha, u għalhekk tikkundannahom it-tnejn iħallsu l-ispejjeż għal darbtejn, kif jipprovdi l-Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm